## IL-PRESEPJU SINJAL LI JWASSALNA GĦALL-ĠRAJJA TAS-SALVAZZJONI

Il-Milied magħna. Din il-festa ġġib magħha ferħ mhux tas-soltu, mhux il-ferħ li taf tagħti d-dinja, iżda dak il-ferħ ġenwin li ħassew dawk ir-rgħajja foqra ta' Betlem meta nxteħtu fl-art jaduraw it-tarbija divina f'dak l-ewwel lejl qaddis tal-Milied. Dik it-tifkira għadha ħajja magħna u terġa' tfeġġ quddiemna kull meta aħna nibnu l-Presepju. Dan huwa l-għan li għalih twaqqfet l-**Għaqda Hbieb tal-Presepju** fl-1985: biex tħeġġeġ lil kull familja tibni l-Presepju fid-dar fi żmien il-Milied. Il-Presepju hu sinjal reliġjużli jfakkarna fi ġrajja tal-istorja, dik il-ġrajja li, kif qalulna l-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali tal-Avvent, "Il-Milied għalina l-Insara jibqa' ġrajja unika. It-twelid tal-Mulej Ġesù nemmnu li biddel l-istorja tal-umanità għaliex f'Betlem Alla wriena kemm investa fina u kemm jemmen fil-bniedem." Ma tistax tgħaddi veru Milied u tibqa' bla presepju fid-dar.

Din is-sena wkoll l-Għaqda qed tieħu ħsieb tagħmel il-**'Wirja tal-Presepji u Grotti'** fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk. Il-Wirjai se tinfetaħ mill-Ministru għal Għawdex u titbierek mill-Isqof Djoċesan nhar il-Ħadd fis-7.00p.m., 19 ta' Diċembru 2008. Kulħadd hu mistieden iżur il-Wirja li se tibqa' miftuħa sa l-Ewwel tas-Sena. Intom mistiedna tieħdu l-Presepju jew il-Grotta tagħkom f'din il-Wirja biex jitgawdew minn tant Għawdxin u Maltin li jżuruha ta' kull sena.

L-Għaqda għandha wkoll il-*Premises* tagħha fi Triq ir-Repubblika, taħt il-Kurja tal-Isqof. Hemmhekk ukoll tistgħu taraw għadd sabiħ ta' Presepji artistiċi maħduma minn membri u dilettanti tal-Presepju. Din is-sena mela toqogħdux lura milli tibnu l-Presepju u tqiegħduh fit-tokk tad-dar biex jitgawda mill-membri kollha tal-familja; inġabru quddiemu matul in-Novena u itolbu flimkien quddiem Gesù Bambin u taraw li dal-Milied ma jkunx ġie u mar għalxejn!

*Kav Joe M Attard, PRO Għaqda Ħbieb tal-Presepju*

**Mill-Kalendarju Djoċesan:**

***It-Tnejn 15 ta' Diċembru:*** Lectio Divina għas-Saċerdoti Żona Ċ (Sannat 4.00p.m.)
***L-Erbgħa 17 ta' Diċembru:*** Carol Service (Katidral 7.00p.m.)
***Is-Sibt 20 ta' Diċembru:*** A Christmas Social Event for foreigners working in Gozo (Legion of Mary Office, Victoria - 7.00p.m.) / Katekeżi ta' l-Avvent għaż-Żgħażagħ (Seminarju - 8.30p.m.)

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu, saħħaħ l-impenn tiegħi biex ikolli tħejjija sinċiera u attiva għall-miġja tiegħek fija, u agħmel minni xhud tiegħek kull fejn ikun.

gozopress • 21551534




It-3 Hadd tal-Avvent • Sena B • L-40 Sena (2072) • 14 ta' Diċembru 2008




Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni. Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl, Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din: meta l-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu għandu xi qassisin u Leviti biex jistaqsuh,"Int min int?", hu stqarr bla ma ċaħad: "Jien m'iniex il-Messija." Huma reġgħu staqsewh: "Mela min int? Elija?""M'iniex?" qalilhom."Int il-Profeta?""Le?" weġibhom. Mbagħad qalulu: "Mela min int? Biex nagħtu tweġiba lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int?" U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija: Issa dawk il-messaġġiera kienu min-naħa tal-Fariżej. Huma staqsewh: "Mela kif qiegħed tgħammed la m'intix il-Messija, u la Elija u lanqas il-Profeta?" "Jiena ngħammed bl-ilma?" weġibhom Ġwanni,"imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx, u li ġej warajja; jiena anqas ma jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu." Dan ġara f'Betanja, in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn Ġwanni kien jgħammed. (Gw 1, 6-8, 19-28)

**RIFLESSJONI**

- Int kuntent bit-tħejjija li qed tagħmel għal-laqgħa tiegħek ma' Ġesu?
- Taħseb li t-triq tal-ħajja tiegħek hija dritta biżżejjed, jew baqa' xi tgħawiġ fiha, li ma jgħoġobx lil Ġesu'?
- Qed tagħmel atti ta' umilta' u penitenza biex iktar tkun denn li tilqa' fik l-grazzja ta' Alla?
- Fil-Bxara t-Tajba li titwassallek permezz tal-ministri tal-Knisja, qed tara r-raġġ ta' dawl li Ġesu' qed jibgħatlek biex jgħinek tersaq lejĦ?
- Fil-Missjoni Djoċesana Ġesu' qed jibgħatlek missjunarji bħala xhieda għalik u biex int ukoll tkun xhud tiegħu fil-familja tiegħek.
- Qed titħejja għal din il-laqgħa sabieħa f'darek ?